# L-ERWIEĦ, L-ISPIRTI, U L-ĦARES FIL-FOLKLOR MALTI

Joseph Serracino

**Bħall-ġnus kollha tad-dinja, il-poplu Malti għandu l-folklor tiegħu magħġun f'użanzi u tradizzjonijiet antiki li waslu għandna mill-ġenerazzjonijiet ta' qabilna.**

Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija konna għadna nsibu fostna drawwiet marbuta ma' ħafna superstizzjonijiet li, minħabba n-nuqqas ta' tagħlim, kienu jqanqlu ħafna beżgħat u qtigħ il-qalb fost il-poplu tagħna. Bħala eżempji nistgħu nsemmu l-baħrija s-sewda, it-tixrid taż-żejt fid-dar, il-knis filgħaxija, id-dlam ċappa, il-kulur aħdar, in-numru 13 meta jaħbat fil-jum tal-Ġimgħa, il-għajn, il-ħolm dwar id-dras, jew dwar persuni mejtin li jitolbu xi ħaġa jew jgħaddu xi messaġġ fil-ħolm, il-ftuħ ta' xi umbrella fid-dar, il-ħares li dwaru se nittrattaw din il-kitba, u ħafna oħrajn.

Nafu li dwar l-istejjer tal-iħirsa u l-ispirti nkitbu f'mijiet ta' kotba b'ilsna differenti u magħhom eluf ta' artikli interessanti oħra anke bil-Malti. Dawn ix-xogħlijiet inkitbu għaliex il-bniedem, irrispettivament mill-kulur tal-ġilda tiegħu, matul il-milja taż-żmien ġarrab jew għadda minn esperjenzi strambi (kultant tal-biża') li mhux biss ħawduh u werwruh iżda għamluh konxju għal kull ħaġa li seħħet u li kienet 'il fuq mill-intelliġenza tiegħu u minn dak kollu li hu normali. Din is-sens tas-sopranaturali dgħajjef ħafna l-karattru tal-bniedem, injetta fih l-element ta' biża' u għamlu superstizzjuż. Sa qabel u ftit wara l-gwerra, il-ħares, l-erwieħ u l-ispirti kienu fuq fomm kulħadd. Il-biża' kien ikompli jikber fost l-antenati tagħna bl-istejjer makabri dwar il-fatati u l-iħirsa li kienu jinkitbu u joħorġu perjodikament f'għamla ta' faxxikli f'dawk iż-żminijiet.

Jgħidu li l-Ingliżi huma poplu superstizzjuż u li jemmen bil-fatati. Niftakar li snin ilu, intwera biċċa film ta' xi minuta fuq it-televiżjoni lokali, li fih, bis-saħħa ta' kameras sofistikati ħafna, inġibed film ta' spettru ta' għassies fit-Torri ta' Londra qed jiftaħ u jagħlaq bieb.










Rumanzi tal-faxxikli li kienu jinqraw sa qabel il-Gwerra u ftit wara

Jingħad li dawn kienu l-ewwel dehriet ta' spettru jiċċaqlaq li nqabdu bil-lenti tal-kameras. Tgħid dawn id-dehriet kienu logħob tal-kameras jew kienu reali?

Jgħidulek li f'kull fortizza, f'ħafna mill-palazzi u d-djar antiki fit-tlett ibliet tal-Kottonera, fil-Belt, fl-Imdina u lokalitajiet oħra fil-gżejjer tagħna jidher xi spettru, u li meta n-nies saret taf bih bdiet titkellem dwaru. Dan il-fenomenu għadu jinħass anke fi żmienna, għaliex f'ċerti bliet u rħula għadna nsibu djar antiki li baqgħu vojta minħabba l-għajdut li fihom jidher il-ħares. Illum issib min jgħidlek li l-bombi tal-gwerra dgħajfu ħafna din is-superstizzjoni għaliex ħafna mid-djar li kienu ttimbrati bħala tal-ħares iġġarrfu, u meta reġgħu ttellgħu mill-ġdid, dan l-ispirtu malinn jew ħanin (kif jittimbrawh xi wħud) għeb minn ġo fihom.

## STEJJER TA' ERWIEĦ U SPIRTI

Ħafna mill-postijiet storiċi li għandna f'pajjiżna huma magħġunin bi stejjer tal-erwieħ jew fatati. Jingħad li fil-Forti Sant'Anġlu kienet tidher **il-Mara l-Bajda** (*White Lady*), fil-Palazz ta' Verdala hemm **il-Mara l-Kaħla** (*Blue Lady*), fil-Palazz tal-Gran Mastru l-Belt fi żmien l-Ingliżi u wara, jgħidu li fil-bitħa u f'xi kmamar kienet tinħass il-preżenza ta' xi spirtu, fil-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Birgu jgħidu li jidher fatat, fil-Forti ta' Manoel Island jidher **il-Kavallier l-Iswed**, u f'diversi palazzi u djar oħra antiki mibnijin sekli ilu kienu wkoll jidhru xi spirti jew fatati.

### IL-MARA L-BAJDA

Aktarx li l-aktar storja popolari fejn jidħlu dawn l-erwieħ jew spirti f'postijiet storiċi hi dik tal-**Mara l-Bajda** li jingħad li kienet tidher fil-Kastell ta' Sant'Anġlu, u li għal ħafna snin kienet magħrufa bħala l-*White Lady*. Fis-snin sebgħin, ħabib tiegħi li kien *Petty Officer* fin-*navy* stazzjonat f'Sant'Anġlu, kien jistedinni biex immur nara xi film hemmhekk. Kienu jkunu serati soċjali, fejn wara l-ikel konna naraw xi film, ħafna drabi film ta' avventura biex jieħdu pjaċir it-tfal, imbagħad wara, aħna l-irġiel konna nidħlu fil-mess, u bejn grokk u ieħor kulħadd jgħid tiegħu biex b'hekk ngħaddu l-ħin flimkien. Niftakar li mhux l-ewwel darba li s-suġġett kien jaqa' fuq il-*White Lady*, u hawnhekk kont nosserva li waqt li xi wħud mill-uffiċjali kienu jħobbu jirrakkontaw xi storja dwarha, oħrajn kienu jibqgħu lura għax ma kinux jieħdu pjaċir bis-suġġett. Għaliex ma nafx, iżda minn kliemhom kien jidher ċar li din tal-*White Lady* ma kinitx xi ħlieqa tal-Ingliżi kif jaħsbu ħafna, iżda kienet ombra ta' mara li jingħad li kien hemm min raha, u li f'xi postijiet partikolari tal-forti kienet tinħass ħafna l-preżenza tagħha.



Ħafna djar antiki fl-Imdina spiss jissemmew fil-Folklor fuq il-Ħares

Għalkemm l-istorja tal-*White Lady* smajtha b'verżjonijiet differenti, il-kittieb Joseph Attard fil-ktieb tiegħu *The Ghosts of Malta* jagħtiha storja dettaljata. Jingħad li din il-mara sfortunata rawha kemm-il darba f'diversi postijiet ta' dan il-kastell, madankollu kien hemm post partikolari fejn il-preżenza tagħha kienet tinħass aktar minn postijiet oħra. F'dan il-post kienu jinstemgħu l-passi u l-ħsejjes ta' bibien u twieqi jinfetħu u jingħalqu bil-mod, l-arja kienet tiksaħ f'daqqa waħda u d-dwal kienu jitbaxxew bil-mod.

Attard jgħidilna wkoll li din il-mara, li maż-żmien saret magħrufa bħala l-*Grey Lady,* kienet waħda miż-żewġ nisa f'ħajjet il-Kaptan De Nava, membru tal-familja nobbli de Nava li l-antenati tiegħu kienu l-kastellani (kmandanti) tal-Kastell ta' Sant'Anġlu. Jekk hi kinitx il-mara jew il-maħbuba tiegħu ħadd ma jaf eżatt, iżda jingħad li, jum fost l-oħrajn, din l-imsejkna bdiet issejjaħlu, De Nava semagħha, iżda peress li aktarx f'dak il-ħin kien fil-kumpanija ta' mara oħra, sejjaħ l-għassiesa tiegħu u ordnalhom biex jeħilsuh minnha.

L-imsejkna mara ġiet maqtula u midfuna f'kalzri taħt l-art.

Jingħad li minn dak iż-żmien din il-mara bdiet tidher perjodikament f'diversi postijiet tal-kastell. Fi żmien il-ħakma Ingliża, l-uffiċjali Ingliżi ftit li xejn ħabblu rashom dwar dawn id-dehriet, tant hu hekk, li n-nies bdew jaħsbu li l-għajdut ta' fatat ta' mara fil-Forti Sant'Anġlu kienet xi ħlieqa tal-Ingliżi peress li dan il-ġens minn dejjem kien magħruf li jemmen fl-ispirti. Ġara iżda li mart Kaptan Ingliż, li kienet Maltija, għamlet xi żmien tgħix fil-forti, u meta jum fost l-oħrajn semgħet xi ħsejjes strambi, ftakret f'din l-imsejkna u talbet lil żewġha biex jagħmel xi quddies għal ruħha. Għalxejn! Aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar saret storbjuża għaliex il-bibien bdew jistabtu aktar bis-saħħa u l-għamara bdiet titkisser. Dan it-tkissir werwer lil kulħadd, u ftit kienu dawk li kienu jissugraw jersqu lejn dik il-kamra. B'kumbinazzjoni, il-mara tal-kaptan li ġie warajh kienet ukoll Maltija u esperjenzat l-istess ħwejjeġ, iżda din id-darba minflok talbet li ssir quddiesa għal ruħha sar it-talb ta' eżorċiżmu sollenni u l-mara ma dehritx aktar.

Jingħad li meta snin wara kien qed isir xi xogħol ta' restawr f'xi kmamar tal-kastell fejn kien jingħad li tidher il-*Grey Lady* (jew *White Lady*), inkixfu xi affreski ta' armi, fosthom dik tal-familja De Nava. Inkixef ukoll bieb moħbi fil-ħajt, li meta nfetaħ deher passaġġ sigriet li kien jagħti għall-kalzri taħt l-art. Meta niżlu fih sabu tliet skeletri, wieħed kien ta' mara, li xi bċejjeċ ta' drapp li nstabu maġenbha kienu ta' lewn griż, waqt li ż-żewġ skeletri l-oħra kienu ta' rġiel, u li aktarx kienu taż-żewġ għassiesa li tqabbdu minn De Nava biex jeħilsuh mill-imsejkna mara, u li wara, meta ntebaħ bl-iżball tiegħu qatilhom biex jaħbi dnubu. Kienet appuntu s-sejba tal-bċejjeċ tad-drapp ta' kulur griż li din l-imsejkna mara li sa ftit qabel kienet magħrufa bħala l-*White Lady* bdew isejħulha l-*Grey Lady.*



Iċ-ċint qrib il-mina li tagħti għall-ponta tal-Isla fejn jingħad li mara darba rat tliet furnara

**TIFEL IMDENDEL MAT-TIEQA**

Storja interessanti ħafna dwar l-erwieħ u l-fatati, din id-darba taħt figura ta' tifel, smajtha l-Isla madwar għoxrin sena ilu. Koppja żagħżugħa kriet dar fi triq partikolari fl-Isla, u jum fost l-oħrajn kellhom bżonn sellum. Sakemm l-għarus kompla b'xogħlu, l-għarusa marret għand il-ġara tagħha u talbitha ssellifha sellum. Il-ġara qaltilha li hekk kif jasal id-dar żewġha tgħidlu biex jeħodhulha. Nofs siegħa wara r-raġel tal-ġara ħa s-sellum għand il-koppja, iżda peress li sab il-bieb miftuħ, baqa' dieħel ġewwa u serraħ is-sellum mal-ħajt ta' bitħa kbira interna.

Huwa u ħiereġ mill-bieb sema' daħka ta' tifel. B'kurżità fuqu reġa' daħal fil-bitħa u kif għolla ħarstu 'l fuq, fuq waħda mill-ħoġor tat-twieqi li kienu jagħtu għall-bitħa lemaħ tifel żgħir ta' xi tliet snin qed jixxabbat għal isfel.

Hawnhekk ir-raġel beda jwiddeb lit-tifel biex jinżel minn fuq il-ħoġor tat-tieqa. L-għajjat tar-raġel semgħetu l-koppja li minnufih xirfet minn waħda mit-twieqi u staqsietu x'kellu bżonn. Hawnhekk ir-raġel, kollu kkonfondut, waqt li b'subgħajh beda jurihom waħda mit-twieqi qalilhom biex jieħdu ħsieb it-tifel għax beda jixxabbat u beża' li seta' jaqa' fil-bitħa. Il-koppja dlonk ħarsu lejn xulxin u qalulu li huma ma kellhomx tfal. Hawnhekk l-imsejken bħal tħawwad, tfixkel, il-bixra ta' wiċċu nbidlet f'waħda ta' tħassib u b'vuċi ttemtem talabhom biex jiskużawh għax mid-dehra dak il-ħin kien qed jhewden fuq it-tifel ta' bintu li kien imqareb ħafna u jħobb jixxabbat. Mal-aħħar kelma ħareġ jiġri 'l barra.

Wara nofsinhar il-koppja ħadu lura s-sellum, għalqu l-bieb warajhom u qabdu neżlin it-taraġ tat-triq, iżda hekk kif daru mal-kantuniera ħoss qawwi ta' bini jiġġarraf ħasadhom. Mal-ħoss, il-koppja reġgħet lura, u hekk kif fetħet il-bieb, fost l-għaġeb kbir tagħha sabet ħerba kbira – is-saqaf tal-kamra li ftit tal-ħin qabel kienet fiha sfronda u miegħu niżel ukoll is-saqaf tal-intrata.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

**TITGERBEB IT-TARAĠ U MA JIĠRILHA XEJN**

U sintendi xi kultant tisma' stejjer li jħawduk u jġegħluk taħseb dwar l-awtentiċità tagħhom. Mara xiħa, illum mejta, qaltli li meta kienet tqila bl-ewwel tarbija tagħha kull meta kienet tixgħel is-swiċċ tad-dawl li kien jagħti għall-kantina, kienet tħoss lil xi ħadd jimbuttaha għal isfel, titgerbeb madwar tnax-il tarġa u ma jiġrilha xejn. U din l-istorja rrepetiet ruħha bosta drabi.

Ħafna minn dawn l-istejjer għandhom rabta qawwija mas-sigħat bikrin tal-lejl jew mad-dlam. Din hi l-fehma ta' persuni li f'ħajjithom esperjenzaw xi dehra jew semgħu xi ħsejjes strambi fi djarhom, u proprju kien f'dawn il-waqtiet li rrealizzaw li ma kinux weħidhom. Smajt b'każi ta' familji li ħarġu minn djarhom fl-eqqel tal-lejl u ma daħlux aktar fihom, u b'oħrajn, fejn minħabba nuqqas ta' mezzi kellhom jaċċettaw li jibqgħu jgħixu f'din is-sitwazzjoni ta' biża' u tensjoni kbira. Jingħad li fiż-żewġ każi, f'ċerti kmamar, wara nżul ix-xemx kienet tinħass il-preżenza ta' xi spirtu li ma jidhirx. U dawn l-ispirti jistgħu jkunu tajbin jew ħżiena!

**AKTAR FATATI FL-ISLA**

Esperjenza oħra ta' fatati li għandha konnessjoni mal-Isla hi din li se nirrakkontalkom. Mara anzjana kellha drawwa li ta' kuljum, tard filgħaxija, toħroġ fil-gallarija tagħha li kienet tagħti għal fuq pjazza mdaqqsa, faċċata tal-Forti Sant'Anġlu u li minnha taqbad it-taraġ għall-Ponta, u f'dak il-kwiet u ħemda serena toqgħod tistenna lil żewġha tiela' mill-Ponta. Ta' kuljum, hija kienet tosserva tliet furnara jgħaddu minn taħtha, jitilgħu fuq iċ-ċint, iħarsu 'l isfel u wara jintasbu bilqiegħda fuq iċ-ċint maġenb il-mina. Jum fost l-oħrajn, kuntistabbli kien qed jagħmel ir-ronda, aktarx tard mis-soltu. Meta osserva lix-xwejħa fil-gallarija staqsieha jekk kellhiex bżonn xi ħaġa. Waqt li qaltlu li kienet qed tistenna lil żewġha tiela' mill-Ponta, b'sorpriża li kienet qed tistenna lil żewġha tiela' mill-Ponta, b'subgħajha bdiet turih post partikolari fuq iċ-ċint. Kompliet tgħidlu li hi ma kellhiex minn xiex tibża' għax jekk tiġi bżonn xi ħaġa kienet issejjaħ lil xi wieħed mit-tliet furnara li kienu bilqiegħda fuq iċ-ċint, li skont hi, ta' kuljum kienu jgħaddu ħafna ħin jitkellmu maġenb il-Mina. Meta l-kuntistabbli tefa' ħarstu lejn in-naħa li wrietu l-mara u ma ra xejn, sellmilha bil-għaġla u warrab jiġri minn dak il-post. Jingħad, li t-tliet furnara li kienet tara l-mara kienu l-ispirti tat-tliet irġiel, li ħafna snin qabel kienu għaddew fis-sakra minn dawk in-naħat, telgħu fuq iċ-ċint u waqgħu għal isfel.

**MARA RIFLESSA FIL-MERA**

Ftit tas-snin ilu smajt storja li kienet għamlet impatt fuqi tant li bqajt niftakarha kif kont smajtha minn fomm wieħed mill-protagonisti (illum mejjet). "Aħna konna ngħixu f'dar kbira r-Raħal il-Ġdid, li kellha kantina kbira. Aħna s-subien konna norqdu f'kamra kbira fit-tieni pjan u ħuti l-bniet kienu jorqdu f'kamra oħra fil-pjan ta' fuqna biswit il-kamra tas-sodda ta' ommi u missieri. Jekk tistaqsini kemm kellha kmamar din id-dar ma nafx ngħidlek għax fil-kantina qatt ma nżilt. Il-kamra tal-ikel kienet isfel, bil-bieb tagħha jħares lejn it-taraġ wiesa' li kien jitla' għall-pjani ta' fuq. Il-mobbli tagħha kienu antiki ħafna, u għadni nisma' lil ommi tgħid, li l-mobbli kienet sabitha fl-istess kamra u għoġbitha ħafna. Faċċata tal-bieb kien hemm *sideboard* b'mera kbira li kienet tiddomina l-kamra, u li minnha kont tara t-taraġ tal-franka li kien jagħti għall-pjani ta' fuq."

Kompla hekk: "Minn mindu dħalna f'din id-dar, matul il-lejl konna nisimgħu ħafna ħsejjes – passi telgħin u niżlin it-taraġ u xi krib ukoll, iżda binhar xejn. Niftakar li aħna t-tfal konna nibżgħu tant, li wieħed minn ħuti li kien akbar minni u li kien jorqod f'sodda waħdu, bil-biża' li kien jaqbdu kien jagħmel taħtu. Ommi u missieri kienu jgħidulna li l-krib li konna nisimgħu kien ta' xi tjur li wieħed mill-ġirien kien irabbi fil-bitħa tiegħu, u billejl, peress li taqa' ħemda kbira jinstemgħu aktar. Darba fost l-oħrajn, waqt li nġbarna madwar il-mejda biex nieklu, jien inzertajt bilqiegħda faċċata tal-mera u d-dawl tal-lampa tal-pitrolju beda jdejjaqni ħafna. Waqt li tlabt lil ommi biex tpoġġi l-lampa fuq is-*sideboard,* dak il-ħin għajnejja ġriet għal fuq il-mera u għajjatt għajta tal-biża' bid-dehra li rajt warajja riflessa fil-mera. Warajja, weqfin dritti u mserrħin mal-pilastru tal-bieb rajt mara żagħżugħa qed iżżomm tifel żgħir minn idu...

Għal din id-dehra, ħassejt qalbi tieqaf, qomt f'salt minn fuq is-siġġu u waqt li kollni beżgħan ħarist lura, b'subgħajja wrejt id-daħla tal-bieb u staqsejt lil ommi, lil missieri u lil ħuti jekk huma rawx lill-mara u lil binha warajja. Ħadd minnhom ma tkellem, kulħadd baqa' jħares lejja bla ma jlissen kelma. Niftakar, dak il-lejl kien lejl ta' biża' u matulu erġajna smajna l-krib u l-passi tqal telgħin u neżlin it-taraġ...

L-għada filgħodu, missieri ma marx xogħol u baqa' d-dar. Meta qomt staqsieni x'kont rajt fil-kamra tal-ikel. Meta ħuti semgħuni nirrakkonta x'rajt żiedu tagħhom ukoll. Ħija ż-żgħir qalilna li huwa ta' kuljum kien jinżel fil-kantina għax hemm kien isib tifel u joqgħod jilgħab miegħu. Ħija ta' qabli li kien jagħmel taħtu qalilna li ta' kull filgħaxija kien iħoss lil xi ħadd maġenbu fis-sodda, meta fil-fatt hu ma kien jara lil ħadd. Waħda minn ħuti l-bniet stqarret li ġieli rat mara u tifel għaddejjin fil-kuritur li kien jifred il-kamra tagħhom minn dik ta' ommi u missieri. Meta missieri staqsa lil ħuti jekk huma rawx xi ħaġa, dawn qaluli li qatt ma raw xejn.

Xahar wara krejna post ieħor u morna noqogħdu fih. Xi jumejn wara li ħriġna mid-dar, mara xiħa waqqfet lil ommi u staqsietha jekk konniex nisimgħu xi ħsejjes fid-dar. Fil-pront ommi staqsietha għala għamlitilha dik il-mistoqsija. Ix-xiħa, waqt li tat ħarsa madwarha biex tara jekk kienx hemm xi ħadd fil-qrib li seta' jismagħha, minn taħt l-ilsien qaltilha: 'Jingħad li f'dik id-dar kien sar delitt li kien kexkex lil kulħadd. Fiha kienu qatlu mara żagħżugħa u lil binha u l-qattiela tagħhom ma nqabdu qatt.'"

**KESĦA KBIRA**

Storja oħra li smajt hija fuq koppja żagħżugħa, b'żewġt itfal subien li krew dar il-Belt u marru jgħammru fiha. Kienu kuntenti ħafna, għax għalkemm id-dar kienet antika, kienet kbira, arjuża u kellha veduta sabiħa tal-Port il-Kbir. Wara l-mewt ta' missier il-mara, ommha marret tgħix magħhom.

Mal-wasla tagħha fid-dar, bdew jinstemgħu ħafna krib u tisbit ta' bibien. Il-koppja u t-tfal twerwru bil-biża' li qabadhom iżda l-aktar ix-xwejħa li moħħha mill-ewwel beda jhewden fil-ħares.

Ġimgħa wara ommha reġgħet marret lura f'darha. Minn dakinhar 'il quddiem ma nstema' xejn aktar fid-dar. Meta x-xiħa ntalbet minn bintha tgħidilha għaliex telqet minn darha bla kliem u sliem, b'rogħda kbira fuqha qaltilha li jumejn wara li nstema' dak il-krib u tisbit ta' bibien kienet bilqiegħda fil-gallerija, meta f'daqqa waħda ħasset kesħa kbira ddur magħha meta kienet xemx tisreġ u hawnhekk intebħet li ma kinitx weħidha. Minkejja li huma qatt ma raw xejn, l-istqarrija tax-xiħa werwret lill-koppja li ħarġet mid-dar u marret toqgħod f'post ieħor. Fi żmien tliet snin biddlu tlitt idjar, iżda peress li huma baqgħu marbutin mal-ewwel dar li kellhom iddeċidew li jerġgħu jmorru jgħammru fiha u baqgħu jgħixu fiha għal bosta snin.

Fil-folklor tagħna nsibu diversi stejjer oħra li fihom jirrakkontaw fid-dettall dehriet ta' erwieħ jew spirti tajbin u ħżiena. Sintendi l-ispirti t-tajbin huma dawk li ma jagħmlux ħsara lill-bniedem, u li aktarx jidhru għax f'ħajjithom kellhom xi missjoni x'jaqdu u ma laħqux wettquha, waqt li l-ispirti l-ħżiena huma dawk li jwerwru familji sħaħ u li kapaċi jagħmlu l-ħsara u jweġġgħu serjament lill-bniedem.




Aktar stejjer ta' qtil u waħx

**FRATELLI BIL-BARNUŻA**

Stejjer relatati ma' ċimiterji u ta' nies bil-barnuża f'rashom mexjin wara xulxin qishom il-fratelli li jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nsibu bosta, fosthom din. Raġel minn Ħaż-Żabbar li kien joqgħod ftit 'il bogħod minn waħda mill-knejjes ta' dan il-lokal irrakkontali fatt li kien ħawwadni ħafna. Qalli li darba, fil-bidu ta' Settembru kien qam maħsud għax deherlu li sema' bħall-għagħa kbira ta' nies fit-triq ta' taħtu. Ħares lejn l-arloġġ li kellu fuq il-komodina maġenbu u sab li kienu daqqu t-tlieta ta' filgħodu. Għall-ewwel ma tax kas, iżda meta l-għagħa żdiedet u deherlu li kien qed jisma' xi nies jirreċitaw xi litanija, qam f'salt mis-sodda u hekk kif ħareġ fil-gallerija tal-injam inħasad bid-dehra li ra quddiemu. Ftit 'il bogħod minn fejn kien joqgħod, ra ġemgħa ta' nies, ilkoll lebsin l-abjad u b'rashom mgħottija b'barnuża, telgħin wara xulxin deħlin fil-knisja meta l-bieb kien magħluq. L-eċċitament tiegħu kompla kiber meta osserva li n-nies kienu maqtugħin mill-art. Għal din id-dehra, li skont hu damet madwar minuta, tkexkex, radd is-salib, u talab għall-erwieħ tal-purgatorju. Qalli li din l-istorja qatt ma qalha lil ħadd għaliex beża' li jidħku bih. Stejjer oħra ta' dehriet ta' ġemgħat ta' erwieħ mexjin wara xulxin insibuhom f'diversi lokalitajiet oħra fosthom ir-Rabat, il-Ħamrun u l-Birgu.

## IL-KARTIERA TAS-SIGARETTI

Iżda forsi l-aktar storja ta' fatati li baqgħet tissemma u li ħadd għadu ma sab spjegazzjoni għaliha hija dwar mara mill-Belt li kienet waqqfet żewġ baħrin fit-triq u talbithom iwassluha sad-dar. Kif waslu d-dar, daħlu ġewwa u waqt li qagħdu jitkellmu magħha, wieħed minnhom ħareġ il-kartiera tas-sigaretti u qabbad sigarett. Meta ntebħu li sar ħafna ħin, ħarġu mid-dar u għaġġlu lejn id-Dwana l-Antika biex jaqbdu dgħajsa u jmorru fuq il-bastiment. Hawnhekk wieħed mill-baħrin intebaħ li nesa l-kartiera warajh. L-għada filgħodu, daħlu l-Belt u marru jfittxu d-dar fejn il-lejl ta' qabel kienu għaddew xi ħin fiha. Fost l-għaġeb kbir tagħhom sabu li d-dar kienet ilha magħluqa u li x-xebba li kienet toqgħod fiha kienet ilha mejta s-snin. Madankollu huma kienu ċerti li l-lejl ta' qabel kienu daħlu f'dik id-dar u nsew il-kartiera tas-sigaretti fuq il-mejda tal-pranzu. Wara ħafna taħbit, huma rnexxielhom isibu lil sid id-dar u wara li rrakkontawlu l-istorja kollha mar magħhom, fetħilhom il-bieb u meta daħlu fil-kamra tal-pranzu, fuq il-mejda mimlija trab sabu l-kartiera tas-sigaretti.

## IL-ĦARES

L-istejjer fejn jidħol il-ħares huma xi ftit differenti minn dawk fejn jissemmew l-erwieħ jew l-ispirti ta' nies li tkun saritilhom xi inġustizzja, jew kellhom xi biċċa xogħol li ma laħħqux wettqu u baqgħu jidhru wara mewthom. Il-ħares jidher li hu esseri li jikkapparra xi dar antika u jagħmilha tiegħu. Ħafna jsostnu li l-ħares jimxi bil-grazzja. Jekk jaċċettak fid-dar kollox jimxi ħarir, iżda jekk ma jaċċettakx jagħmillek ħajtek infern. Dan il-fatt qed ifakkarni f'persuna li qaltli li huma kellhom ħares tajjeb fid-dar u l-preżenza tiegħu kienet tinħass l-aktar fil-kċina u l-kamra tal-ikel. M'iniex qed nesaġera! Din il-persuna qaltli li ta' kull filgħodu, ommha kienet issib kikkra u plattina fuq il-mejda u l-kitla bl-ilma fuq il-*cooker*. Qaltli wkoll li ġieli sabu qtar tal-ħalib fuq il-mejda u saħansitra pakketti tal-gallettini miftuħin. B'danakollu, huma xorta baqgħu jgħixu fid-dar għax kellha risqha tajjeb ħafna. Ngħid is-sewwa din l-istorja lili ħawditni ħafna!

Storja oħra tgħidilna dwar ħares li mid-dehra ħa grazzja mal-inkwilin (mara) u ġieli taha l-flus. Jingħad li mara fqira li kienet toqgħod f'dar antika bi tliet sulari f'Bormla li aktarx kienet inbniet fi żmien il-Kavallieri, kienet ta' spiss issib munita tal-fidda fuq l-ewwel tarġa ta' kull indana taraġ. Għall-ewwel, l-imsejkna mara ħasbet li binha kien qed jiċċajta magħha u ma qaltlu xejn, iżda meta għadda ż-żmien u l-flus baqgħu ġejjin, tħawdet ħafna u ddeċidiet li tkellmu. Jum fost l-oħrajn meta binha wasal lura mix-xogħol sab lil ommu inkwetata. Meta staqsieha xi ġralha, hi talbitu biex jaqta' ċ-ċajta li jħallilha l-flus fuq l-ewwel tarġa ta' kull indana u b'hekk jiffrankalha t-tbatija li toqgħod titla' t-taraġ kollu biex tiġbor il-flus. Meta binha qalilha li hu qatt ma ħallielha flus fit-taraġ, ommu ħasbet li mhux qed jemminha, għalhekk daħlet tiġri fil-kamra tas-sodda, fetħet il-kexxun tal-gradenza, u hekk kif fetħet il-kaxxa tal-kartun fejn kienet iżżomm il-flus, b'għaġeb kbir tagħha sabitha mimlija bebbux. Stejjer oħra ta' flus isiru bebbux insibu ħafna fil-folklor tagħna.

### STEJJER TA' TRABI

Stejjer ta' trabi li minn fuq is-sodda jsibuhom fl-art smajt ħafna u minn lokalitajiet differenti. Anzjan mill-Kalkara llum mejjet kien qalli li, għalkemm hu xettiku ħafna dwar l-eżistenza tal-ħares, madankollu qatt ma daħak b'min jemmen bih. Lil ommu kien jiftakarha tgħid, li meta hu kien għadu tarbija ta' xi xahrejn, wara li kienet titimgħu u taħslu kienet tqiegħdu fuq is-sodda bejn żewġ imħaded biex ma jaqax, ħalli hi tkun tista' tkompli b'xogħolha fid-dar. Iżda ftit wara kienet tisimgħu jibki u meta tidħol tiġri ħdejh biex tara xi ġralu, dejjem kienet issibu taħt is-sodda. Din il-ġrajja rrepetiet ruħha kemm-il darba, sakemm waħda mill-ġirien qaltilha biex lit-tifel ma' tħallihx aktar f'dik il-kamra. Meta staqsejtu jekk ommu qattx rat xi fatat id-dar, huwa qalli li ommu kienet tgħid biss li d-dar kellha risqha tajjeb ħafna.

U stejjer oħra simili fejn jidħlu t-trabi ssib ħafna, iżda din li se nirrakkontalkom hi differenti ħafna mill-oħrajn. Raġel minn Bormla qalli li fost l-istejjer li sema' dwar l-iħirsa, l-istorja li kien se jgħidli għamlet impatt kbir fuqu. Qalli li darba sema' storja dwar raġel miżżewweġ bla tfal li kien għaddej minn triq imwarrba fiż-Żejtun fi triqtu lejn id-dar, meta f'daqqa waħda deherlu li sema' bikja ta' tarbija. Waqaf, u għal ftit sekondi pprova jsegwi minn fejn kienet ġejja l-bikja. Wara ftit intebaħ li l-bikja kienet ġejja minn dar abbandunata, daħal jiġri fiha u fl-intrata sab tarbija l-ġmiel tagħha. Peress li hu ma kellux tfal iddeċieda li jeħodha d-dar, iżda oħroġ il-għaġeb, hekk kif tbiegħed ftit passi mid-dar abbandunata, it-tarbija waqfet mill-biki tagħha u b'leħen ċar talbitu biex jerġa' jeħodha lura fejn sabha u jkompli triqtu lejn daru.

### DJAR LI MA JILQGĦUKX U TOROK JITBISSMU

Iltqajt ma' stejjer ta' persuni li meta marru jaraw xi djar biex jikruhom ħassewhom li mhumiex milqugħin fihom. Fil-fatt, l-istess anzjan mill-Kalkara kompla jgħidli li hu qatt ma raqad għand nanntu li kienet toqgħod Ħaż-Żabbar. Ir-raġuni kienet li kull meta kien jidħol għand nanntu dejjem kien iħoss lil xi ħadd qed iżommu milli jidħol ġewwa. Għalkemm qatt ma ra xejn, kull meta kien jidħol għand nanntu, dejjem kienu jaqbduh dwejjaq kbar u jkun irid imur lura għand ommu.

Jingħad li stejjer fejn jidħlu l-iħirsa Torok għandna wkoll fil-folklor tagħna. Smajt storja ta' mara li dejjem kienet tara Tork waqt li kienet tkun qed tqassam l-ikel. Meta qalet lil żewġha u lil uliedha dwaru, dawn mhux talli ma emmnuhiex iżda tgħidx kemm daħku biha. Hija ssostni li dan it-Tork dejjem kienet tarah wieqaf fid-daħla tal-bieb tal-kamra tal-ikel, iħares lejha bi tbissima ħelwa, iżda hekk kif kienet tpoġġi bilqiegħda u tibda tiekol kien jgħib mill-kamra u jerġa' jidher l-għada waqt li tkun qed taqleb l-ikel lill-familja tagħha. Jingħad li din il-mara kienet mardet serjament u wara ħarġet minn din id-dar.

## JARAW DAK LI ĦADDIEĦOR MA JARAX

F'din il-kitba dwar dan il-folklor nistgħu nsemmu wkoll lil dawk in-nies li b'għajnejhom 'jaraw dak li ħaddieħor ma jarax'. Matul ir-riċerka tiegħi għamilt intervisti ma' persuni li jaraw l-ispirti tal-għeżież tagħhom u jkellmuhom, u fost uliedhom hemm min hu bħalhom. Aktar qabel aċċennajt għal persuni li jaslu sal-bieb ta' barra ta' xi dar iżda ma jaqbżux l-għatba għax iħossu l-preżenza tal-fatati jew spirti oħra.

Dari, meta l-istejjer tal-ħares kienu komuni aktar milli huma llum, kienu jħobbu jużaw din il-frażi: 'Donnok il-ħares tad-dar'. Din kienet tingħad aktar bħala tmaqdir għal xi membru tal-familja li jkun kważi dejjem barra u jidher fost il-qraba tiegħu wara li jidlam.

F'din il-kitba aċċennajt għal stejjer magħrufa dwar l-iħirsa u l-erwieħ, stejjer li rrakkontawli persuni li esperjenzawhom huma personalment jew il-qraba tagħhom. Ovvjament, dawk li huma xettiċi dawn l-istejjer ma jemmnuhomx, iżda oħrajn li esperjenzawhom, mhux biss jemmnuhom iżda jibżgħu jirrakkontawhom.

Jekk il-ħares jeżistix jew le, jien ma nafx, iżda ma nidħakx b'min jemmen li jeżisti.



Waħda mit-toroq l-antiki f'Bormla, b'għajdut u stejjer tal-fatati